MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Numru 389/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**CARMEL PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Pace, bin Carmelo u Dolores nee' Galea, residenti gewwa l-fond Block A, Flat 4, Triq Andre' Maurois, San Giljan, jew Jasmine, 131, Triq il-Fuxa, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 282166 (M))

Akkuzat talli nhar it-22 ta' April, 2006, fil-hinijiet ta' bejn il-5.30pm, u 6.15pm:

Talli gewwa Triq Jean Houel, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, billi

dolozament bil-hsieb li jikkommetti offizi ta' natura gravi jew li jqieghed il-hajja f'periklu car ta' Andy (Andre), Zammit minn San Giljan liema tentattiv ta' offiza ta' natura gravi ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u dan *ai termini* tal-Artikoli 41(a), 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, gewwa San Giljan, hedded lill-istess Andy (Andre'), Zammit, bi kliem u dan *ai termni* tal-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBB 852, tal-ghamla *Toyota Land Cruiser*, b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

U aktar talli fl-istess lok, data u hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura GBB 852 tal-ghamla *Toyota Land Cruiser* minghajr ma kienet licenzjata kurrenti mill-awtorita' kompetenti;

U aktar talli ghall-habta ta' 5.30pm, gewwa Block A, Flat 4, Triq Andre' Maurois, San Giljan, ikkommetta hsara volontarja gewwa l-istess residenza fuq diversi ghamajjar u oggetti ohra ghad-dannu ta' Shirley Chircop minn San Giljan, u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, gewwa San Giljan, hedded lill-istess Shirley Chircop bi kliem u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri tal-proceduri wara li ngahta zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 41(a), 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
L-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Carmel Pace hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna il-hrug ta' garanzija fil-konfront ta' Andy Zammit u Rosanna Zammit, *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00).

*Inoltre* tikkundanna lill-istess imputat ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' Lm250.00 (mitejn u hamsin lira maltin).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------